MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 1161/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**PAUL MAGRO ta' 38 sena, iben Paul u Emanuela nee' Scerri, imwieled Tal-Pieta' nhar is-7 ta' Ottubru, 1973, residenti fil-fond 50A, Triq Zarenu Dalli, Birzebbuga, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 492273M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Paul Magro** li gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fit-23 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar (14.30hrs), minn gewwa x-Xatt ta’ Tigne’, Sliema, ikkommetta serq minn gewwa l-fond Fortina & Spa, li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli nhar it-23 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar, (14.30hrs) gewwa l-fond Fortina & Spa, sitwat fix-Xatt ta’ Tigne’, Sliema, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra, liema hsara ma teccedix it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

3. U aktar talli nhar is-7 ta’ Awwissu, 2008, gewwa x-Xatt ta’ Tigne’, Sliema, ikkommetta serq minn gewwa l-fond Fortina & Spa, li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. U aktar talli fis-7 ta’ Awwissu, 2008, gewwa l-fond Fortina & Spa, sitwat fix-Xatt ta’ Tigne’, Sliema, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

5. U aktar talli nhar is-7 ta’ Awwissu, 2008, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu

(€232.94), izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

6. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u cioe’ mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D., diversament preseduta, u datata 29 ta’ Gunju, 2008.

Rat illi fil-mori tal-kawza, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Semghet ghal diversi drabi lil Jean Cali li xehdet dwar l-andament pozittiv ta’ l-imputat, u ghall-fatt illi kien qieghed jaghti urine tests kollha clean.

Dan il-progress il-Qorti ser izzommu f’mohhha meta tigi biex tikkomputa l-piena dovuta.

Certament, kif intqal sew fis-sentenza ezebita tal-Qorti Kriminali moghtija mill-Imhallef Dr David Scicluna, datata 26 ta’ Jannar, 2011, fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Paul Magro” fil-konfront ta’ l-imputat, certament Magro nghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu, tant illi bbenefika minn tliet conditional discharges, probation orders, anke kellu sentenza sospiza b’supervizjoni - dan pero ma sewa ghal xejn. Jidher anzi li l-unika progress li verament ghamel Magro kien gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Tenut dan kollu, din il-Qorti qieghda ssib lil Paul Magro hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 325, .334(alternattiv), 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 17 u 20 ta’ l-istess Kapitolu.

Tikkundanna lill-imputat ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena u nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------